	ex 5602 10 19 ex 5602 10 38 ex 5602 10 90 ex 5602 29 00 ex 5602 90 00 ex 5807 90 10 ex 6210 10 10 ex 6307 90 91		

▼**M48**

(1)	(2)	(3)	(4)
ex 97	Xbieki tal-ispag, taċ-ċwiemi jew tal-ħabel u magħmulin minn xbieki tas-sajd tal-ħajt, spag, ċwiemi jew ħabel		
	ex 5608 90 00		
ex 98	Oġġetti oħrajn magħmulin minn ħajt, spag, ċwiemi, kejbils jew ħabel, barra mid-drappijiet tat-tessuti, artikoli magħmulin minn dawn id-drappijiet u artikoli tal-katgorija 97		
	ex 5609 00 00 ex 5905 00 10		
ex 99	Drappijiet tat-tessuti miksija bil-gomma jew sustanzi amilaċea, tat-tip użati għall-qxur ta' barra tal-kotba u simili; tila għat-tpinġija ppreparata; bakrum u drappijiet simili ta' tessuti mwebbsin ta' tip użat għall-bażijiet tal-kpiepel		
	ex 5901 10 00 ex 5901 90 00		
	Linolju, maqtugħ għad-disinn jew le; għata tal-art li jikkonsisti f'kisja jew għata applikata fuq id-dahar tat-tessuti, maqtugħa għad-disinn jew le		
	ex 5904 10 00 ex 5904 90 00		
	Drapp tat-tessuti bil-gomma, mhux innittjat jew magħmul bil-kroxé, eskluži dawk tat-tajers		
	ex 5906 10 00 ex 5906 99 10 ex 5906 99 90		
	Textile fabrics otherwise impregnated or coated; painted canvas being theatrical scenery, studio back-cloths, other than of category ex 100		
	ex 5907 00 00		
ex 100	Drappijiet tat-tessuti li b'mod ieħor mimlijia, miksija jew laminati bi preparazzjonijiet ta' derivattivi taċ-ċelluloża jew b'materjali tal-plastik artifiċjali oħrajn		
	ex 5903 10 10 ex 5903 10 90 ex 5903 20 10 ex 5903 20 90 ex 5903 90 10 ex 5903 90 91 ex 5903 90 99		
ex 109	Inċirati, qlugħ, tined ta' bastiment jew dgħajsa u sunblinds		
	ex 6306 19 00 ex 6306 30 00		
ex 110	Saqqijiet pnewmatiċi minsuġin		
	ex 6306 40 00		
ex 111	Oġġetti tal-camping, minsuġin, barra mis-saqqijiet pnewmatiċi u t-tined		
	ex 6306 90 00		
ex 112	Artikoli tat-tessuti oħrajn magħmulin, minsuġin, eskluži dawk ta' kategoriji ex 113 u ex 114		
	ex 6307 20 00 ex 6307 90 98		
ex 113	Biċċa tal-art, biċċa tal-platti u dusters, barra minn dawk innittjati u magħmulin bil-kroxé		
	ex 6307 10 90		
ex 114	Drappijiet minsuġin u oġġetti għall-użu tekniku, barra dawk tal-kategorija 136		
	ex 5908 00 00 ex 5909 00 90 ex 5910 00 00 ex 5911 10 00 ex 5911 31 19 ex 5911 31 90 ex 5911 32 11 ex 5911 32 19 ex 5911 32 90 ex 5911 40 00 ex 5911 90 10 ex 5911 90 90		

▼M48

(1)	(2)	(3)	(4)
	GRUPP IV		
115	Ħajt tal-qanneb jew tar-rami		
	5306 10 10 5306 10 30 5306 10 50 5306 10 90 5306 20 10 5306 20 90 5308 90 12 5308 90 19		
117	Drappijiet minsuġin tal-qanneb jew tar-rami		
	5309 11 10 5309 11 90 5309 19 00 5309 21 00 5309 29 00 5311 00 10 ex 5803 00 90 5905 00 30		
118	Bjankerija tal-mejda, bjankerija tat-twaletta u bjankerija tal-kċina tal-qanneb jew tar-rami, barra minn dawk innittjati jew magħmulin bil-kroxé		
	6302 29 10 6302 39 20 6302 59 10 ex 6302 59 90 6302 99 10 ex 6302 99 90		
120	Purtieri (inklużi drappijiet), blinds ta' ġewwa, pavaljuni tal-purtieri u tas-sodda u artikoli oħra tad-dar, mhux innittjati jew magħmulin bil-kroxé, tal-qanneb jew tar-rami		
	ex 6303 99 90 6304 19 30 ex 6304 99 00		
121	Spag oħxon, ċwiemi, ħbula u kejbils, immaljati jew le, tal-qanneb jew tar-rami		
	ex 5607 90 90		
122	Xkejjer u boroż, tat-tip użati għall-ippakkjar tal-oġġetti, użati, tal-qanneb, barra minn dawk innittjati jew magħmulin bil-kroxé		
	ex 6305 90 00		
123	Drappijiet tal-pil minsuġin u drappijiet tax-xenilja tal-qanneb jew tar-rami, barra dawk id-drappijiet minsuġin irqaq		
	5801 90 10 ex 5801 90 90		
	Xalel, xalpi, maflers, mantilji, veli u simili, tal-qanneb jew tar-rami, barra minn dawk innittajti jew bil-kroxé		
	ex 6214 90 00		
	GRUPP V		
124	Fibri tal-qoton sintetiċi		
	5501 10 00 5501 20 00 5501 30 00 5501 40 00 5501 90 00 5503 11 00 5503 19 00 5503 20 00 5503 30 00 5503 40 00 5503 90 00 5505 10 10 5505 10 30 5505 10 50 5505 10 70 5505 10 90		
125 A	Ħajt tal-filament sintetiku (kontinwu) mhux għall-bejgħ bl-imnut		
	ex 5402 44 00 5402 45 00 5402 46 00 5402 47 00		
125 B	Monofilament, strixxa (tiben artifiċjali u xi ħaġa simili) u imitazzjoni ta' watar minn materjali sintetiċi		
	5404 11 00 5404 12 00 5404 19 00 5404 90 10 5404 90 90 ex 5604 90 10 ex 5604 90 90		
126	Fibri tal-qoton sintetiċi		
	5502 00 10 5502 00 40 5502 00 80 5504 10 00 5504 90 00 5505 20 00		
127 A	Ħajt ta' filamenti artifiċjali (kontinwu) mhux għall-bejgħ bl-imnut, ħajt ewlieni jew tar-rejon tal-visk mhux miksur jew jew b'kisra li mhix akbar minn 250 kisra/m u ħajt mhux minsuġ ewlieni ta' ċelluloża aċetata		
	ex 5403 31 00 ex 5403 32 00 ex 5403 33 00		

▼M48

(1)	(2)	(3)	(4)
127 B	Monofilament, strixxa (tiben artifiċjali u xi ħaġa simili) u imitazzjoni ta' water minn materjali tat-tessuti artifiċjali		
	5405 00 00 ex 5604 90 90		
128	Pil oħxon tal-animali, imqardex jew mimxut		
	5105 40 00		
129	Ħajt ta' pil oħxon tal-annimali jew pil taż-żiemel		
	5110 00 00		
130 A	Ħajt tal-ħarir ħlief ħajt mibrum minn skart tal-ħarir		
	5004 00 10 5004 00 90 5006 00 10		
130 B	Ħajt tal-ħarir ħlief dak tal-kategorija 130 A; watâr tad-dudu tal-ħarir		
	5005 00 10 5005 00 90 5006 00 90 ex 5604 90 90		
131	Ħajt ta' fibri tat-tessuti veġetali oħra		
	5308 90 90		
132	Ħjut tal-karta		
	5308 90 50		
133	Ħajt tal-qanneb veru		
	5308 20 10 5308 20 90		
134	Ħajt metalizzat		
	5605 00 00		
135	Drappijiet minsuġin mill-pil oħxon tal-annimali jew minn pil taż-żwiemel		
	5113 00 00		
136 A	Drapp minsuġ tal-ħarir jew ta' skart tal-ħarir ħlief dak mhux ibbliċjat, mogħruk jew ibbliċjat		
	5007 20 19 ex 5007 20 31 ex 5007 20 39 ex 5007 20 41 5007 20 59 5007 20 61 5007 20 69 5007 20 71 5007 90 30 5007 90 50 5007 90 90		
136 B	Drapp minsuġ tal-ħarir jew tal-iskart tal-ħarir barra dawk tal-kategorija 136 A		
	ex 5007 10 00 5007 20 11 5007 20 21 ex 5007 20 31 ex 5007 20 39 ex 5007 20 41 5007 20 51 5007 90 10 5803 00 30 ex 5905 00 90 ex 5911 20 00		
137	Drappijiet tal-pil minsuġin u drappijiet tax-xenilja u drapp minsuġ irqiq tal-ħarir jew tal-iskart tal-ħarir		
	ex 5801 90 90 ex 5806 10 00		
138	Drappijiet minsuġa tal-ħajt mill-karta u fibri tat-tessuti oħra barra dawk tar-rami		
	5311 00 90 ex 5905 00 90		
139	Drappijiet minsuġa ta' ħjut tal-metall jew ta' ħajt metalizzat		
	5809 00 00		
140	Drapp innittjat jew minsuġ irqiq minn materjal tat-tessuti barra minn suf jew fil fin tal-annimali, qoton jew fibri magħmulin mill-bniedem		
	ex 6001 10 00 ex 6001 29 00 ex 6001 99 00 6003 90 00 6005 90 90 6006 90 00		

▼**M48**

(1)	(2)	(3)	(4)
141	Raggs tas-safar u kutri ta' materjal tat-tessuti ta' materjal tat-tessuti barra dawk tas-suf jew pil fin tal-annimali, qoton jew fibri magħmulin mill-bniedem		
	ex 6301 90 90		
142	Twapet u għata ieħor tal-art tat-tesuti tas-sisal, ta' fibri oħra mill-familja agave jew tal-qanneb ta' Manila		
	ex 5702 39 00 ex 5702 49 00 ex 5702 50 90 ex 5702 99 00 ex 5705 00 80		
144	Feltru ta' pil oħxon tal-annimali		
	ex 5602 10 38 ex 5602 29 00		
145	Spag, ċwiemi, ħbula u kejbils immaljati jew mhux abaca (qanneb ta' Manila) jew minn qanneb veru		
	ex 5607 90 20 ex 5607 90 90		
146 A	Spag li jorbot jew jimballa għal makkinarju agrikolu,tas-sisal jew fibri oħra tal-familja agave		
	ex 5607 21 00		
146 B	Spag, ċwiemi, ħbula u kejbils tas-sisal jew fibri oħra tal-familja agave, barra dawk il-prodotti tal-kategorija 146		
	ex 5607 21 00 5607 29 00		
146 C	Spag, ċwiemi, ħbula u kejbils, immaljati jew le, tal-ġuta jew minn fibri tat-tessuti bast taħt l-intestatura Nru 5303		
	ex 5607 90 20		
147	Skart tal-ħarir (inklużi fosdqi mhux tajbin għall-brim) skart tal-ħajt u stokk garnetted, barra dak mhux imqardex jew mimxut		
	ex 5003 00 00		
148 A	Ħajt tal-ġuta jew ta' fibri oħra tat-tessuti bast tal-intestatura Nru 5303		
	5307 10 00 5307 20 00		
148 B	Ħajt tal-kajjâr		
	5308 10 00		
149	Drappijiet minsuġin tal-ġuta jew ta' fibri tat-tessuti bast oħrajn ta' wisà mhux aktar minn 150 cm		
	5310 10 90 ex 5310 90 00		
150	Drappijiet minsuġin tal-ġuta jew ta' fibri tat-tessuti bast oħrajn ta' wisà mhux aktar minn 150 cm; Xkejjer u boroż, tat-tip użati fl-ippakkjar ta' oġġetti, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tessuti bast oħrajn, barra mhux użati		
	5310 10 10 ex 5310 90 00 5905 00 50 6305 10 90		
151 A	Għata tal-art tal-fibri tal-ġewża tal-Indi (kajjâr)		
	5702 20 00		
151 B	Twapet u għata ieħor tal-art tat-tessuti, tal-ġuta jew ta' fibri tat-tessuti bast oħrajn, barra dawk imtroffin jew trapuntati		
	ex 5702 39 00 ex 5702 49 00 ex 5702 50 90 ex 5702 99 00		
152	Feltru tal-ġuta jew ta' fibri tat-tessuti bast oħrajn maħdum bin-newl bil-labra mhux mimli b'sustanza oħra jew miksi, barra għata tal-art		
	5602 10 11		
153	Xkejjer u boroż, tax-xorta wżati għall-ippakkjar ta' oġġetti, tal-ġuta jew fibri tat-tessuti bast oħrajn taħt l-intestatura Nru 5303		
	6305 10 10		

▼**M48**

(1)	(2)	(3)	(4)
154	Fosdqiet tad-dudu tal-ħarir tajbin għat-tkebbib		
	5001 00 00		
	Ħarir mhux maħdum (mhux mibrum)		
	5002 00 00		
	Skart tal-ħarir (inkl. fosdqi mhux adattati għat-tkebbib) skart tal-ħajt u stokk garnetted, mhux imqardex jew mimxut		
	ex 5003 00 00		
	Suf mhux imqardex jew mimxut		
	5101 11 00 5101 19 00 5101 21 00 5101 29 00 5101 30 00		
	Xagħar fin jew aħrax tal-annimali, mhux imqardex jew mimxut		
	5102 11 00 5102 19 10 5102 19 30 5102 19 40 5102 19 90 5102 20 00		
	Skart tal-ħarir jew ta' pil fin jew oħxon tal-annimali, inkluż skart tal-ħajt iżda esklużstokk garnetted		
	5103 10 10 5103 10 90 5103 20 00 5103 30 00		
	Stokk garnetted tas-suf jew pil fin jew oħxon tal-annimali		
	5104 00 00		
	Qanneb, mhux maħdum jew proċessat iżda mhux mibrum; stoppa tal-qanneb u skart (inkl. skart tal-ħajt u stokk garnetted)		
	5301 10 00 5301 21 00 5301 29 00 5301 30 00		
	Rami u fibri tat-tessuti veġetali, mhux maħduma jew processati iżda mhux mibruma; stoppa, suf qasir u skart, għajr il-kajjar u l-abaca taħt l-intestatura		
	5305 00 00		
	Qoton, mhux imqardex jew mimxut		
	5201 00 10 5201 00 90		
	Skart tal-qoton (ink. skart tal-qoton u stokk garnetted)		
	5202 10 00 5202 91 00 5202 99 00		
	Qanneb veru (*cannabis sativa*), mhux maħdum jew proċessat iżda mhux mibrum: stoppa u skart ta' qanneb veru (inkluż skart tal-ħajt u stokk garnetted)		
	5302 10 00 5302 90 00		
	Abaca (*Qanneb ta' Manila* or *Musa Textilis Nee*), mhux maħdum jew ipproċessat iżda mhux mibrum: stoppa u skart tal-abaca (inkluż skart tal-ħajt u stokk garnetted)		
	5305 00 00		
	Ġuta jew fibri tat-tessuti bast (eskl. qanneb, qanneb veru u rami), mhux maħdum jew proċessat iżda mhux mibrum; stoppa u skart tal-ġuta jew fibri tat-tessuti bast (inkluż skart tal-ħajt u stokk garnetted)		
	5303 10 00 5303 90 00		
	Fibri tat-tessuti veġetali oħrajn, mhux maħduma jew proċessati iżda mhux mibrumin; stoppa u skart ta' fibri bħal dawn (inklużi skart tal-ħajt u stokk garnetted)		
	5305 00 00		

▼**M48**

(1)	(2)	(3)	(4)
156	Blouses u pullovers inittjati jew magħmulin bil-kroxé tal-ħarir jew skart tal-ħarir għan-nisa jew għall-bniet		
	6106 90 30 ex 6110 90 90		
157	Ħwejjeġ, innittjati jew magħmulin bil-kroxé, esklużi ħwejjeġ tal-kategoriji ex 10, ex 12, ex 13, ex 24, ex 27, ex 28, ex 67, ex 69, ex 72, ex 73, ex 75, ex 83 u 156		
	ex 6101 90 20 ex 6101 90 80 6102 90 10 6102 90 90 ex 6103 39 00 ex 6103 49 00 ex 6104 19 90 ex 6104 29 90 ex 6104 39 00 6104 49 00 ex 6104 69 00 6105 90 90 6106 90 50 6106 90 90 ex 6107 99 00 ex 6108 99 00 6109 90 90 6110 90 10 ex 6110 90 90 ex 6111 90 90 ex 6114 90 00		
159	Ilbiesi, blouses u shirt-blouses, barra minn dawk innittjati jew magħmulin bil-kroxé, tal-ħarir jew skart tal-ħarir		
	6204 49 10 6206 10 00		
	Xalel, xalpi, maflers, mantilji, veli u simili barra minn dawk innittjati jew magħmulin bil-kroxé, tal-ħarir jew skart tal-ħarir		
	6214 10 00		
	Ingravajjet, ċfuf u kravatti, tal-ħarir jew tal-iskart tal-ħarir		
	6215 10 00		
160	Imkatar tal-ħarir jew tal-iskart tal-ħarir		
	ex 6213 90 00		
161	Ħwejjeġ, barra dawk meħjuta jew magħmulin bil-kroxè, eskluži ħwejjeġ tal-kategoriji ex 14, ex 15, ex 18, ex 31, ex 68, ex 72, ex 78, ex 86, ex 87, ex 88 u 159		
	6201 19 00 6201 99 00 6202 19 00 6202 99 00 6203 19 90 6203 29 90 6203 39 90 6203 49 90 6204 19 90 6204 29 90 6204 39 90 6204 49 90 6204 59 90 6204 69 90 6205 90 10 ex 6205 90 80 6206 90 10 6206 90 90 ex 6211 20 00 ex 6211 39 00 6211 49 00		

▼**M48**

ANNESS II

PAJJIŻI ESPORTATURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

Is-Serbja

▼M15

ANNESS III

imsemmi fl- Artikoli 1, 12 u 13

PARTI I

Klassifikazzjoni

Artikolu 1

Il-klassifikazzjoni tal-prodotti tat-tessuti msemmija fl-Artikolu 1 (1) hija bbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda (NM).

Artikolu 2

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, is-sezzjoni tat-tariffi u ta' l-istatistika nomenklatura tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, li kien stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] teżamina urġentement f'konformità mad-disposizzjonijiet tar-Regolament hawn fuq imsemmi, il-mistoqsijiet kollha li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1) tar-Regolament fl-ambitu tan-nomenklatura maqgħuda (NM) biex tikklassifikahom fil-kategoriji proprja.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni tinforma lill-pajjiżi fornituri bi kwalunkwe tibdil fin-nomenklatura maqgħuda (NM) hekk kif dan ikun addottat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi fornituri bi kwalunkwe deċiżjonijiet addottati skond il-proċeduri fis-seħħ fil-Komunità marbutin mal-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament, l-iktar tard fi żmien xahar mill-addozzjoni tagħhom. Komunikazzjoni bħal din tkun tinkludi:

(a) deskrizzjoni tal-prodotti konċernati;

(b) il-kategorija rilevanti, u l-kodiċi tan-nomenklatura maqgħuda (Kodiċi NM);

(ċ) ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Fejn deċiżjoni ta' klassifikazzjoni addottata skond il-proċeduri fis-seħħ tal-Komunità tirriżulta f'bidla tal-prattika tal-klassifikazzjoni jew f'bidla fil-kategorija ta' xi prodott kopert b'dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jipprovdu avviż ta' 30 jum, mid-data tan-notifika tal Kummissjoni, qabel ma' tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni.

2. Prodotti mibgħuta qabel id-data ta' l-applikazzjoni tad-deċiżjoni jibqgħu soġġetti għall-prattika tal-klassifikazzjoni ta' qabel, dment li l-oġġetti in kwestjoni jiddaħħlu għall-importazzjoni fi żmien 60 jum minn dik id-data.

Artikolu 6

Fejn deċiżjoni ta' klassifikazzjoni addottata skond il-proċeduri fis-seħħ tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan l-Anness tinvolvi kategorija ta' prodotti soġġetti għal-limitu kwantitattiv, il-Kummissjoni, bla dewmien, tibda konsultazzjoni skond l-Artikolu 16 tar-Regolament, sabiex tilħaq ftehim dwar l-aġġustamenti meħtieġa fil-limiti kwantitattivi korrispondenti pprovduti fl-Anness V.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p.1.

▼M15

Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe disposizzjoni oħra dwar dan is-suġġett, fejn il-klassifikazzjoni indikata fid-dokumentazzjoni neċessarja għall-importazzjoni tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament tvarja mill-klassifikazzjoni determinata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li fihom se jkunu mportati, l-oġġetti in kwestjoni jkunu proviżorjament soġġetti għal arranġamenti ta' importazzjoni li, skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, huma applikabbli għalihom fuq bażi tal-klassifikazzjoni determinata mill-awtoritajiet hawn fuq imsemmija.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, waqt li jindikaw partikolarment:

— il-kwantitajiet ta' prodotti nvoluti,

— il-kategorija murija fuq id-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni u dik miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti,

— fejn tkun inħarġet liċenza ta' esportazzjoni, in-numru tal-liċenza u l-kategorija murija.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħorġux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni ġdida għal prodotti tat-tessuti soġġetti għal-limitu kwantitattiv tal-Komunità indikat fl-Anness V wara r-riklassifikazzjoni sakemm ikunu kisbu konferma mill-Kummissjoni li l-ammonti li għandhom ikunu mportati jkunu disponibbli skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 12.

4. Il-Kummissjoni tgħarraf lill-pajjiżi fornituri konċernati bil-każijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 8

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 7, kif ukoll f'dawk il-każijiet ta' natura simili mqanqla mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi fornituri, il-Kummissjoni, jekk ikun hemm bżonn, u skond il-proċeduri pprovduti fl-Artikolu 16 tar-Regolament, tidħol f'konsultazzjonijiet mal-pajjiż jew pajjiżi fornituri konċernati, sabiex tilħaq ftehim dwar il-klassifikazzjoni definittiva applikabbli għall-prodotti involuti fin-nuqqas ta' qbil.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni, bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew Stati mportaturi u tal-pajjiż jew pajjiżi fornituri, tista', f'każijiet imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dan l-Anness, tiddetermina l-klassifikazzjoni definittiva applikabbli għall-prodotti involuti fin-nuqqas ta' qbil.

Artikolu 10

Meta każ ta' nuqqas ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 7 ma jistax ikun solvut skond l-Artikolu 9, il-Kummissjoni taddotta, skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, miżura li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda.

PARTI II

Sistema ta' iċċekkjar doppju

(għall-amministrazzjoni tal-limiti kwantitattivi)

Artikolu 11

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi fornituri joħorġu liċenza ta' esportazzjoni fejn jidħlu l-konsinji kollha tal-prodotti tat-tessuti soġġetti għal-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness V sal-livell tal-limiti msemmija.

▼M15

2. L-oriġinal tal-liċenza ta' esportazzjoni tkun ippreżentata mill-importatur għall-għanijiet tal-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.

▼M23

3. Jekk pajjiż li jibgħat prodotti jkun għamel arranġamenti amministrattivi mal-Komunità dwar liċenzji elettroniċi, it-tagħrif rilevanti jista' jintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi biex jieħdu post l-għoti ta' liċenzji ta' esportazzjoni bil-karta.

▼M15

Artikolu 12

1. Il-liċenza ta' esportazzjoni għal-limiti kwantitattivi tkun konformi mal-kampjun mehmuż ma' dan l-Anness li tista' wkoll ikun fiha traduzzjoni f'lingwa oħra u wkoll tiċċertifika inter alia li l-kwantità ta' oġġetti in kwestjoni tkun stipulata kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għall-kategorija tal-prodott ikkonċernat.

▼M32

_____

▼M15

3. Kull liċenza ta' esportazzjoni tkun tkopri biss waħda mill-kategoriji tal-prodotti msemmija fl-Anness V.

▼M23

4. Jekk pajjiż li jibgħat prodotti jkun għamel arranġamenti amministrattivi mal-Komunità dwar liċenzji elettroniċi, it-tagħrif rilevanti jista' jintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi u dawn għandhom jieħdu post il-kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 jew 2.

▼M15

Artikolu 13

L-esportazzjonijiet ikunu stipulati kontra l-limiti kwantitattivi stabbiliti għas-sena li fiha l-prodotti koperti bil-liċenza ta' esportazzjoni jkunu mibgħuta fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 2 (3) tar-Regolament.

Artikolu 14

1. Fejn il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwestjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Membru joħorġu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mill-presentazzjoni mill-importatur ta' l-oriġinal tal-liċenza ta' esportazzjoni korrispondenti. Il-presentazzjoni trid tkun effettwata mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik li fiha l-oġġetti koperti mil-liċenza jkunu mibgħuta. F'ċirkostanzi eċċezzjonali l-jum ta' l-għeluq għall-presentazzjoni tal-liċenza ta' esportazzjoni jista' jitmexxa sat-30 ta' Ġunju fuq talba motivata sewwa minn Stat Membru skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament ([1]).

▼M23

2. Il-permessi għal importazzjoni għandhom ikunu validi għal sitt xhur mid-data ta' meta jinħarġu. Meta importatur jitlob għal raġunijiet tajba, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu itawlu ż-żmien ta' validità għal żewġ perjodi oħra ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni għandha tkun avżata b'dawn l-estensjonijiet. F'każi eċċezzjonali, importatur jista' jitlob għal tielet perjodu ta' tul ta' żmien. Dawn it-talbiet eċċezzjonali jistgħu jingħatw biss b'deċiżjoni meħuda skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament.

▼M15

3. L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni tal-prodotti, magħmula fuq il-formola konformi mal-kampjun stipulat fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness preżenti, jkunu validi fit-territorji doganali kollha tal-Komunità Ewropea.

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

▼M15

4. Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur lill-awtoritajiet kompetenti biex jikseb l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jkun fiha:

(a) l-ismijiet ta' l-importatur u l-indirizz sħiħ (inklużi, jekk għandu, in-numri tat-telefon u l-fax, u n-numru ta' l-identità rreġistrat ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti), u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT, jekk huwa wieħed li jħallas il-VAT;

(b) isem u ndirizz sħiħ tad-dikjarant;

(ċ) isem u ndirizz sħiħ ta' l-esportatur;

(d) il-pajjiż ta' l-oriġini tal-prodotti u l-pajjiż tal-konsinja;

(e) deskrizzjoni tal-prodotti inklużi:

— id-deskrizzjoni kummerċjali tagħhom,

— id-deskrizzjoni tal-prodotti u l-kodiċi tan-nomenklatura maqgħuda (NM);

(f) il-kategorija proprja u l-kwantità fil-unit xieraq kif indikat fl-Anness V għall-prodott in kwestjoni;

(g) il-valur tal-prodotti, kif indikat fil-kaxxa 12 tal-liċenza ta' esportazzjoni;

(h) fejn suppost, id-dati tal-pagament u d-distribuzzjoni u kopja ta' l-awtorizzazzjoni tat-tagħbija u tal-kuntratt tax-xiri;

(i) id-data u n-numru tal-liċenza ta' esportazzjoni;

(j) kull kodiċi ntern użat għal skopijiet amministrattivi, bħal ngħidu aħna l-kodiċi Taric;

(k) id-data u l-firma ta' l-importatur.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, taħt il-kondizzjonijiet ffissati minnhom, jippermettu s-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet u t-talbiet li jridu jiġu trasmessi jew stampati b'mezzi elettroniċi. Madankollu, id-dokumenti u x-xhieda kollha jridu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ([1]).

5. L-importaturi ma jkunux obbligati li jimpurtaw l-kwantità kollha koperta mill-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni f'konsinja waħda.

Artikolu 15

Il-validità ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jkunu soġġetti għall-validità ta' u għall-kwantitajiet indikati fil-liċenza ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi fornituri fuq bażi ta' liema awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jkunu nħarġu.

Artikolu 16

L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri f'konformità ma' l-Artikolu 2 (2) u mingħajr diskriminazzjoni ma' xi mportatur fil-Komunità ikun fejn ikun il-post ta' stabbiliment tiegħu fil-Komunità, bla preġudizzju għal konformità ma' kondizzjonijiet oħra taħt ir-regoli kurrenti.

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

▼M15

Artikolu 17

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti minn liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa minn pajjiż fornitur għal kategorija partikolari fi kwalunkwe sena ta' ftehim jeċċedi l-limitu kwantitattiv stabbilit għal dik il-kategorija, l-awtoritajiet kompetenti li jilliċenzaw fl-Istati Membri jkunu nfurmati immedjatament biex jissospendu l-ħruġ ta' iktar awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew dokumenti ta' importazzjoni. F'każ bħal dan, il-proċedura ta' konsultazzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 16 tar-Regolament tinbeda minnufih mill-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jirrifjutaw li joħorġu awtorizzazzjonijiet għal prodotti ġejjin minn pajjiż fornitur li mhumiex koperti minn liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

PARTI III

Sistema ta' iċċekkjar doppju

(għal prodotti soġġetti għal sorveljanza)

Artikolu 18

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi fornituri mniżżla fit-Tabella A joħorġu liċenza ta' esportazzjoni jew dokument ta' informazzjoni ta' esportazzjoni fejn jidħlu l-prodotti tat-tessuti kollha soġġetti għall-proċeduri ta' sorveljanza taħt is-sistema ta' iċċekkjar doppju.

▼M32

_____

▼M15

3. L-oriġinal tal-liċenza ta' esportazzjoni jkun ippresentat mill-importatur għall-iskopijiet ta' l-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.

▼M23

4. Jekk pajjiż li jibgħat prodotti jkun għamel arranġamenti amministrattivi mal-Komunità dwar liċenzji elettroniċi, it-tagħrif rilevanti jista' jintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi biex jieħdu post l-għoti ta' liċenzji ta' esportazzjoni bil-karta.

▼M15

Artikolu 19

1. Il-liċenza ta' esportazzjoni tkun konformi mal-kampjun mehmuż ma' dan l-Anness u tista tkun fiha wkoll traduzzjoni f'lingwa oħra.

▼M32

_____

▼M15

3. Kull liċenza ta' esportazzjoni tkun tkopri biss waħda mill-kategoriji tal-prodotti mniżżla fit-Tabella A.

▼M23

4. Jekk pajjiż li jibgħat prodotti jkun għamel arranġamenti amministrattivi mal-Komunità dwar liċenzji elettroniċi, it-tagħrif rilevanti jista' jintbagħat permezz ta' mezzi elettroniċi u dawn għandhom jieħdu post il-kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 jew 2.

▼M15

Artikolu 20

L-esportazzjonijiet ikunu rreġistrati taħt is-sena li fiha l-prodotti koperti mil-liċenza ta' esportazzjoni jkunu ntbagħatu.

▼M15

Artikolu 21

1. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri joħorġu awtorizzazzjoni ta' importazzjoni fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol mill-presentazzjoni mill-importatur ta' l-oriġinal tal-liċenza ta' esportazzjoni korrispondenti. Din il-presentazzjoni trid issir mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik li fiha l-oġġetti koperti mil-liċenza jkunu ntbagħatu. F'ċirkustanzi eċċezzjonali l-limitu għall-presentazzjoni tal-liċenza ta' esportazzjoni jista' jintefa' lura sat-30 ta' Ġunju fuq talba sustanzjata kif xieraq mill-Istat Membru u skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament. ►M32 ——————— ◄ L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni, magħmula fuq il-formola konformi mal-kampjun mehmuż ma' l-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness, ikunu validi fit-territorji doganali kollha tal-Komunità ([1]).

▼M23

2. il-permessi għal importazzjoni għandhom ikunu validi għal sitt xhur mid-data ta' meta jinħarġu. Meta importatur jitlob għal raġunijiet tajba, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu itawlu ż-żmien ta' validità għal żewġ perjodi oħra ta' tliet xhur. Il-Kummissjoni għandha tkun avżata b'dawn l-estensjonijiet. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, importatur jista' jitlob għal tielet perjodu ta' estensjoni. F'każi eċċezzjonali, importatur jista' jitlob għal tielet perjodu ta' tul ta' żmien. Dawn it-talbiet eċċezzjonali jistgħu jingħatw biss b'deċiżjoni meħuda skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament.

▼M15

3. Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur lill-awtoritajiet kompetenti biex jikseb awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jkun fiha:

(a) l-ismijiet ta' l-importatur u l-indirizz sħiħ (inklużi, jekk għandu, in-numri tat-telefon u l-fax, u n-numru ta' l-identità reġistrat ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT, jekk huwa jħallas il-VAT;

(b) isem u ndirizz sħiħ tad-dikjarant;

(ċ) isem u ndirizz sħiħ ta' l-esportatur;

(d) il-pajjiż ta' l-oriġini tal-prodotti u l-pajjiż tal-konsinja;

(e) deskrizzjoni tal-prodotti li tinkludi:

— id-deskrizzjoni kummerċjali tagħhom,

— deskrizzjoni tal-prodotti u l-kodiċi tan-nomenklatura maqgħuda (NM);

(f) il-kategorija proprja u l-kwantità fil-unit proprju kif indikat fit-Tabella A għall-prodotti in kwestjoni;

(g) il-valur tal-prodotti, kif indikat fil-kaxxa 12 tal-liċenza ta' esportazzjoni;

(h) fejn hemm bżonn, id-dati tal-ħlas u d-distribuzzjoni u kopja tal-irċevuta tat-tagħbija u tal-kuntratt tax-xiri;

(i) id-data u n-numru tal-liċenza ta' esportazzjoni;

(j) kwalunkwe kodiċi intern użat għal skopijiet amministrattivi, bħal ngħidu aħna l-kodiċi Taric;

(k) id-data u l-firma ta' l-importatur.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, taħt il-kondizzjonijiet iffissati minnhom, jippermettu s-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet jew talbiet li jkunu trasmessi jew stampati b'mezzi elettroniċi. Madankollu, id-dokumenti u x-xhieda kollha jridu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ([1]).

4. L-importaturi ma jkunux obbligati li jimpurtaw il-kwantità totali koperta mill-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni f'kunsinja waħda.

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

▼M15

Artikolu 22

Il-validità tal-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jkunu suġġetti għall-validità tal-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti lill-pajjiżi fornituri fuq liema bażi l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jkunu nħarġu.

Artikolu 23

L-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jinħarġu bla diskriminazzjoni ma' xi mportatur fil-Komunità ikun fejn ikun il-post ta' stabbiliment tiegħu fil-Komunità, bla preġudizzju ta' qbil ma' kondizzjonijiet oħra meħtieġa taħt ir-regoli kurrenti.

Artikolu 24

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jirrifjutaw li joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni għal prodotti mniżżla fit-Tabella A ġejjin minn pajjiż fornitur li mhux kopert mil-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa skond id-dispozizzjonijiet f'dan l-Anness.

PARTI IV

Sistema ta' iċċekkjar unika

(għal prodotti soġġetti għal sorveljanza)

Artikolu 25

1. Il-prodotti tat-tessuti ġejjin minn pajjiżi fornituri mniżżla fit-Tabella B jkunu soġġetti għal sistema ta' sorveljanza unika ta' qabel.

2. It-tluq għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jkunu soġġetti għal presentazzjoni ta' dokument ta' sorveljanza.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri joħorġu dokumenti ta' sorveljanza fi żmien massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tkun sottomessa t-talba mill-importatur.

▼M32

4. Id-dokumenti ta' sorveljanza, imfassla fuq il-formola li hija konformi massett mudell stabbilit fl-Appendiċi I ta' dan l-Anness jew, fir-rigward taċ-Ċina, li tikkorrispondi mal-mudell fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill 3285/94, għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità Ewropea. Id-dokumenti ta' sorveljanza għandhom ikunu validi għal sitt xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom.

▼M15

Artikolu 26

Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jikseb id-dokument ta' sorveljanza jrid ikun fiha:

(a) l-ismijiet ta' l-importatur u l-indirizz sħiħ (inklużi, jekk għandu, in-numri tat-telefon u l-fax, u n-numru ta' l-identità rreġistrat ma' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti), u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT, jekk ikun iħallas il-VAT;

(b) l-isem u l-indirizz sħiħ tad-dikjarant;

(ċ) l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-esportatur;

(d) il-pajjiż ta' l-oriġni tal-prodotti u l-pajjiż tal-konsenja;

(e) deskrizzjoni tal-prodotti li tkun tinkludi:

— id-deskrizzjoni kummerċjali tagħhom,

▼M15

— deskrizzjoni tal-prodotti u l-kodiċi tan-nomenklatura maqgħuda (NM);

(f) il-kategorija proprja u l-kwantità fil-unit proprju kif indikat fit-Tabella B għall-prodotti in kwestjoni;

(g) il-valur tal-prodotti;

(h) kwalunkwe kodiċi ntern użata għal skopijiet amministrattivi, bħal ngħidu aħna l-kodiċi Taric;

(i) id-data u l-firma ta' l-importatur

u tkun akkumpanjata minn kopja ċertifikata tal-irċevuta tat-tagħbija, ittra ta' kreditu, il-kuntratt jew kwalunkwe dokument kummerċjali li jindika l-intenzjoni soda li jwettaq l-importazzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, taħt il-kondizzjonijiet ffissati minnhom, jippermettu s-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet jew talbiet li jkunu trasmessi jew stampati b'mezzi elettroniċi. Madankollu, id-dokumenti kollha u x-xhieda kollha jridu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ([1]).

▼M32

Artikolu 26a

Fil-każ li l-importazzjoni ta' prodotti ta' tessuti u ta' lbies tkun soġġetta għal miżuri ta' sorveljanza preċedenti, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-pajjiż ta' oriġini, il-kategorija tal-prodott, u d-dettalji tal-kwantità u tal-valur tal-prodotti li għalihom ġie maħruġ kull dokument ta' sorveljanza. Din l-informazzjoni għandha tiġi provduta mingħajr dewmien malli jiġu maħruġa d-dokumenti ta' sorveljanza, elettronikament permezz tar-retikolat integrat stabbilit għal dan il-għan (“Système Intégré de Gestion de Licences”), skond formati ta' data u proċeduri li għandħom jiġu armonizzati.

▼M15

PARTI V

Sorveljanza *a posteriori*

▼M34

Artikolu 27

Il-prodotti tat-tessuti mniżżla fit-tabelli C u D se jkunu suġġetti għal sistema ta' sorveljanza statistika *a posteriori*. Din is-sorveljanza għandha tkun kkontrollata skond l-iskema stipulata fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta’ Lulju 1993 ([2]) Wara r-rilaxx tal-prodotti għal moviment ħieles, l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri se jgħarrfu lill-Kummissjoni, jekk possibbli kull ġimgħa iżda mhux aktar tard mit-12 ta’ kull xahar għax-xahar ta’ qabel, tal-kwantitajiet totali importati u l-valur tagħhom, li jindika d-data tar-rilaxx tal-prodotti għall-moviment ħieles, l-oriġini tal-prodotti u n-numru ta’ l-ordni. Tagħrif bħal dan għandu jindika l-kodiċi tan-nomenklatura magħquda u fejn xieraq is-sottodiviżjonijiet TARIC, il-kategoriji tal-prodotti li jagħmlu parti minnhom, u fejn meħtieġ l-unitajiet supplimentari meħtieġa għal dak il-kodiċi tan-nomenklatura. It-tagħrif għandu jkun f’format kompatibbli mas-sistema ta’ Sorveljanza mmexxija mid-Direttorat-Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

▼M15

PARTI VI

Disposizzjonijiet komuni

▼M20

L-Artikolu 28

1. Il-liċenzja għall-esportazzjoni msemmija fl-Artikoli 11 u 19 u ċ-ċertifikat ta' oriġini jistgħu jinkludu kopji addizzjonali li jkunu indikati bħala tali. Dawn għandhom ikunu magħmulin bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bl-Ispanjol.

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

([2]) ĠU L 253 tal-11.10.1993, p. 1, Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148 tal-11.6.2005, p. 5).

▼M20

2. Jekk id-dokumenti msemmija hawn fuq ikunu miktuba bl-idejn, il-kitba għandha tkun bil-linka u b'ittri kbar.

3. Il-liċenzji għall-esportazzjoni jew id-dokumenti ekwivalenti u ċertifikati ta' l-oriġini għandhom ikunu ta' qies 210 × 297 mm [i]. Il-karta għandha tkun karta bajda tal-kitba, meqjusa, li ma jkunx fiha polpa mekkanika [ii] u ma tkunx tiżen inqas minn 25 g/m. Kull parti għandu jkollha stampat disinn guilloche fl-isfond sabiex tkun faċli li tingħaraf kull falsifikazzjoni permezz ta' mezzi mekkaniċi jew kimiċi [iii].

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità għandhom jaċċettaw biss l-oriġinal bħala validu għall-finijiet ta' importazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

5. Kull liċenzja għall-esportazzjoni jew dokument ekwivalenti u ċ-ċertifikat ta' oriġini għandhom ikollhom numru tas-serje standard, kemm jekk stampat jew le, li permezz tiegħu jista' jiġi identifikat [iv].

▼M44

6. Dan in-numru għandu jkun kompost mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jidentifikaw il-pajjiż esportatur kif gej:

— Is-Serbja = RS

— żewġ ittri li jidentifikaw l-Istat Membru destinatarju, jew grupp ta' Stati Membri bħal dawn, kif ġej:

— AT = l-Awstrija

— BG = il-Bulgarija

— BL = il-Benelux

— CY = Ċipru

— CZ = ir-Repubblika Ċeka

— DE = ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

— DK = id-Danimarka

— EE = l-Estonja

— GR = il-Greċja

— ES = Spanja

— FI = il-Finlandja

— FR = Franza

— GB = ir-Renju Unit

▼M49

— HR = il-Kroazja

▼M44

— HU = l-Ungerija

— IE = l-Irlanda

— IT = l-Italja

— LT = il-Litwanja

— LV = il-Latvja

— MT = Malta

— PL = il-Polonja

— PT = il-Portugall

— RO = ir-Rumanija

— SE = l-Iżvezja

---

[i] Dan mhux obbligatorju għat-Tajlandja.
[ii] Dan mhux obbligatorju għal Hong Kong.
[iii] Dan mhux obbligatorju għal Hong Kong u l-Eġittu.
[iv] Fil-każ ta' Hong Kong, dan hu obbligatorju biss għal-liċenzja għall-esportazzjoni.

▼M44

— SI = is-Slovenja

— SK = is-Slovakkja

— numru b'ċifra waħda li jidentifika s-sena tal-kwota jew is-sena li matulha l-esportazzjoni kienet reġistrata, fil-każ tal-prodotti mniżżla fit-tabella A ta' dan l-Anness, jikkorrispondi mal-aħħar ċifra tas-sena inkwistjoni, eż. "9" għall-2009 u "0" għall-2010.

— numru b'żewġ ċifri li jidentifika l-uffiċċju tal-ħruġ fil-pajjiż esportatur;

— numru b'ħames ċifri li jimxi konsekuttivament minn 00001 sa 99999 allokat lill-Istat Membru ta' destinazzjoni speċifikat.

▼M23

7. Fuq talba ta' l-importatur, l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw ċertifikat ta' oriġini wieħed għal aktar minn kunsinna waħda, meta merkanziji:

(a) tapplika għalihom liċenzja waħda ta' esportazzjoni;

(b) ikunu kklassifikati fl-istess kategorija;

(ċ) jinħarġu esklussivament mill-istess esportatur, jintbagħtu lill-istess importatur; u,

(d) japplikaw għalihom il-proċeduri ta' dħul fl-istess uffiċċju tad-dwana fil-Komunità.

Din il-proċedura għandha tgħodd għall-istess perjodu ta' validità ta' permess għal importazzjoni, magħdud kull tul ta' żmien ieħor mogħti.

Minkejja s-sub-paragrafu (d), jekk, wara l-importazzjoni ta' l-ewwel kunsinna, il-merkanzija li tibqa' tkun tenħtiġilha li tinħeles f'uffiċċju tad-dwana ieħor minn dak tad-dwana fejn kien ippreżentat iċ-ċertifikat oriġinali ta' oriġini, fuq talba bil-miktub ta' l-importatur, jista' jinħareġ minflok, mill-ewwel uffiċċju tad-dwana, ċertifikat ta' oriġini ieħor mibdul, jew aktar, li jkun jaqbel mal-bqija tal-merkanzija murija fuq iċ-ċertifikat oriġinali. Id-dettalji taċ-ċertifikat mibdul għandhom ikunu l-istess bħal dawk taċ-ċertifikat oriġinali. Iċ-ċertifikat mibdul għandu jitqies bħala ċ-ċertifikat ta' oriġini definittiv għall-prodotti li jissemmew fih.

▼M15

Artikolu 29

Il-liċenza ta' esportazzjoni u ċ-ċertifikat ta' oriġni jistgħu jinħarġu wara l-imbarkazzjoni tal-prodotti li huma relatati magħhom. F'każijiet bħal dawn ikollhom it-timbru "délivré a posteriori" jew "maħruġ b'lura" jew "expedido con posterioridad".

Artikolu 30

F'każ ta' serq, telf jew qerda ta' liċenza ta' esportazzjoni, liċenza ta' importazzjoni jew ċertifikat ta' oriġni, l-esportatur jista' japplika lill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet id-dokument għal kopja li trid issir fuq bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tiegħu. Il-liċenza kopja jew ċertifikat maħruġ b'dan il-mod irid ikollu t-timbru "duplicata" jew "duplicate" jew "duplicado".

Il-kopja jrid ikollha d-data tal-liċenza jew ċertifikat oriġinali.

Artikolu 30a

Il-lista u l-indirizzi ta l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 14 (4), 21 (1) u (3), 25 (3), 26 u 31 (1) jkunu ppubblikati mill-Kummissjoni fil-Ġurnal Uffiċċjali tas-serje "C" tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

▼M15

PARTI VII

Liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità - formola komuni

Artikolu 31

1. Il-formoli li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħruġ ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u tad-dokumenti ta' sorveljanza msemmija fl-Artikoli 14 (1), 21 (1) u 25 (3) jkunu konformi mal-liċenza ta' importazzjoni mehmuża fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness ([1]).

2. Il-formoli tal-liċenza ta' importazzjoni u siltiet minnha jsiru f'żewġ kopji, kopja minnhom, tkun immarkata "Kopja tad-detentur" u tkun iġġib in-numru 1 li tinħareġ lill-okkupant, u l-oħra, tkun immarkata "Kopja għall-awtorità li toħroġha" u tkun iġġib in-numru 2, li tinżamm mill-awtorità li toħroġ il-liċenza. Għall-għanijiet amministrattivi l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizzjonali għall-formola 2.

3. Il-formoli jkunu stampati fuq karta bajda ħielsa mill-polpa mekkanika, lesta għall-kitba u tiżen bejn 55 u 65 gramm kull metru kwadru. Id-daqs tagħhom ikun 210 X 297 mm; l-ispazju tat-tipi bejn il-linji jkun 4,24 mm; (wieħed minn sitta ta' pulzier); il-firxa tal-formola trid tkun segwita preċiżament. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenza nnifisha, jrid ikollha wkoll disinn *gilloche* stampat aħmar bħala sfond biex ikun jista' jikxef kull falsifikazzjoni magħmula b'mezzi mekkaniċi u kimiċi.

4. L-Istati Membri jkunu responsabbli li jkollhom formoli stampati. Il-formoli jistgħu jiġu stampati wkoll minn stampaturi maħtura mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Fil-każ ta' l-aħħar, referenza għall-ħatra mill-Istat Membru trid tidher fuq kull formola. Kull formola jkollha indikazzjoni ta' l-isem ta' l-istampatur u l-indirizz jew xi marka li tgħin jingħaraf l-istampatur.

5. Fiż-żmien tal-ħruġ tagħhom il-liċenzi ta' importazzjoni jew estratti jingħataw numru tal-ħruġ determinat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru. In-numru tal-liċenza ta' importazzjoni jkun notifikat lill-Kummissjoni elettronikament fuq n-network integrat taħt l-Artikolu 12.

6. Il-liċenzi u l-estratti jkunu kompluti fil-lingwa uffiċċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċċjali, ta' l-Istat Membru tal-ħruġ.

7. Fil-kaxxa 10 l-awtoritajiet kompetenti jindikaw il-kategorija proprja tat-tessut.

8. Il-marki ta' l-aġenti tal-ħruġ u ta' l-awtoritajiet debitanti jkunu applikati permezz ta' timbru. Madankollu, pressa mqabbża maqgħuda ma' ittri jew ċifri miksuba permezz ta' perforazzjoni, jew stampar fuq il-liċenza jistgħu jiġu sostitwiti mit-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ. L-awtoritajiet tal-ħruġ jużaw kwalunkwe metodu li ma jkunx jistgħu jiċċajtaw miegħu biex jirrekordjaw il-kwantità allokata b'mod li wieħed jagħmilha mpossibbli li jiddaħħlu figuri jew riferenzi (per eżempju. *ECU* 1 000*).

9. In-naħa ta' wara ta' kopja 1 u kopja 2 jkun fiha kaxxa li fiha jkunu jistgħu jiddaħħlu l-kwantitajiet, jew mill-awtoritajiet tad-dwana meta jkunu kompluti l-formalitajiet ta' l-importazzjoni, jew mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta jinħareġ l-estratt.

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

▼M15

Jekk l-ispazju mħolli għad-debiti fuq liċenza jew estratt tagħha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jehmżu ħażna jew iktar ta' estensjoni li jkun fihom il-kaxxi simili għal dawk fuq wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 tal-liċenza jew estratt. L-awtoritajiet debitanti jagħmlu t-timbru tagħhom b'mod li nofsu jkun fuq il-liċenza jew l-estratt tagħha u n-nofs l-ieħor jiġi fuq il-paġna ta' l-estensjoni. Jekk ikun hemm iktar minn paġna waħda ta' estensjoni, timbru ieħor jingħata b'mod li jkun jgħaddi minn kull paġna għall-oħra ta' wrajha.

10. Il-liċenzi ta' importazzjoni u l-estratti maħruġa, u ż-żidiet u t-timbri magħmula, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru jkollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra bħala dokumenti maħruġa, u żidiet u timbri magħmula, mill-awtoritajiet ta' Stati Membri bħal dawn.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati jistgħu, fejn indispensabbli, jitolbu li l-kontenuti tal-liċenzi jew estratti jiġu tradotti fil-lingwa uffiċċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċċjali ta' dak l-Istat Membru.

12. Il-liċenza ta' importazzjoni tista' tinħareġ b'mezzi elettroniċi dment li l-uffiċċji doganali nvoluti jkollhom aċċess għal din il-liċenza permezz tan-network tal-kompjuter ([1]).

PARTI VIII

Disposizzjonijiet transizzjonali

Artikolu 32

1. Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 31, għal perjodu transizzjonali li jispiċċa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995 u b'kondizzjoni li l-applikant, fiż-żmien ta' din l-applikazzjoni ma jkunx talab il-ħruġ ta' liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità li taqbel mal-kampjun mehmuż fl-Appendiċi 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jużaw il-formoli tagħhom stess biex joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni jew dokumenti ta' sorveljanza u kwalunkwe estratt tagħhom, minflok il-formoli msemmija fl-Artikolu 31.

2. Formoli bħal dawn jagħtu d-dettalji msemmija fil-kaxxi 1 sa 13 tal-kampjun tal-liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità murija fl-Appendiċi 1. Il-validità tagħhom tkun biss estiża għat-territorju ta' l-Istat Membru tal-ħruġ.

([1]) ĠU L 119, 8.5.1997, p. 1.

▼**M44**

TABELLA A

It-Tabella tħassret.

▼**M42**

_____

▼**M15**

TABELLA Ċ

▼**M32**

Pajjiżi u kategoriji soġġetti għas-sistema ta' sorveljanza statistika a posteriori għal importazzjonijiet diretti

Pajjiż terz	Grupp	Kategorija	Unità
Il-pajjiżi kollha	1A		
		1	tunnellati (metr.)
		2	tunnellati (metr.)
		li minnhom 2a	tunnellati (metr.)
		3	tunnellati (metr.)
		li minnhom 3a	tunnellati (metr.)
		ex 20	tunnellati (metr.)
	IB		
		4	1 000 biċċa
		5	1 000 biċċa
		6	1 000 biċċa
		7	1 000 biċċa
		8	1 000 biċċa
	IIA		
		9	tunnellati (metr.)
		20	tunnellati (metr.)
		22	tunnellati (metr.)
		23	tunnellati (metr.)
		39	tunnellati (metr.)
	IIB		
		12	1 000 par
		13	1 000 biċċa
		14	1 000 biċċa
		15	1 000 biċċa
		16	1 000 biċċa
		17	1 000 biċċa
		18	tunnellati (metr.)
		21	1 000 biċċa
		24	1 000 biċċa
		26	1 000 biċċa
		28	1 000 biċċa
		29	1 000 biċċa
		31	1 000 biċċa
		68	tunnellati (metr.)
		78	tunnellati (metr.)
		83	tunnellati (metr.)

▼**M32**

Pajjiż terz	Grupp	Kategorija	Unità
	III A		
		35	tunnellati (metr.)
	III B		
		97	tunnellati (metr.)
		97a	tunnellati (metr.)
	IV		
		115	tunnellati (metr.)
		117	tunnellati (metr.)
		118	tunnellati (metr.)
		122	tunnellati (metr.)
	V		
		136A	tunnellati (metr.)
		156	tunnellati (metr.)
		157	tunnellati (metr.)
		159	tunnellati (metr.)
		163	tunnellati (metr.)

▼**M15**

TABELLA D

Pajjiżi u kategoriji soġġetti għal sorveljanza statistika *a posteriori* għall-OPT

(Id-deskrizzjoni kompluta tal-kategoriji tidher fl-Anness I)

Pajjiż Terz	Grupp	Kategorija	Unit

▼**M15**

Kampjun ta' Ċertifikat ta' l-Oriġini msemmi fl-Artikolu 28 ta' l-Anness III

1 Exporter (name, full address, country) Exportateur (nom, adresse complète, pays)	**ORIGINAL**	2 **No**
	3 Quota year Année contingentaire	4 Category number Numéro de catégorie
5 Consignee (name, full address, country) Destinataire (nom, adresse complète, pays)	**CERTIFICATE OF ORIGIN** **(Textile products)** **CERTIFICAT D'ORIGINE** **(Produits textiles)**	
	6 Country of origin Pays d'origine	7 Country of destination Pays de destination
8 Place and date of shipment — Means of transport Lieu et date d'embarquement — Moyen du transport	9 Supplementary details Données supplémentaires	

10 Marks and numbers — Number and kind of packages — DESCRIPTION OF GOODS Marques et numéros — Nombre et nature des colis — DÉSIGNATION DES MERCHANDISES	11 Quantity (1) Quantité (1)	12 FOB value (2) Valeur fob (2)

13 CERTIFICATION BY THE COMPETENT AUTHORITY — VISA DE L'AUTORITÉ COMPÉTENTE

I, the undersigned, certify that the goods described above originated in the country shown in box No 6, in accordance with the provisions in force in the European Community.

Je soussigné certifie que les merchandises désignées ci-dessus sont originaires du pays figurant dans la case 6, conformément aux dispositions en vigueur dans la Communauté européenne.

14 Competent authority (name, full address, country) Autorité compétente (nom, adresse complète, pays)	At — À ....., on — le .....
	(Signature) (Stamp — Cachet)

(1) Show net weight (kg) and also quantity in the unit prescribed for category where other than net weight — Indiquer le poids net en kilogrammes ainsi que le quantité dans l'unité prévue pour le catégorie si cette unité n'est pas le poids net.
(2) In the currency of the sale contract — Dans la monnaie du contrat de vente.

▼M32

▼M26

1 Exporter (name, full address, country) Exportateur (nom, adresse complète, pays)	ORIGINAL	2 No
	3 Quota year Année contingentaire	4 Category number Numéro de catégorie
5 Consignee (name, full address, country) Destinataire (nom, adresse complète, pays)	**CERTIFICATE OF ORIGIN** **(Textile products)**	
	6 Country of origin Pays d'origine **TAIWAN, R.O.C.**	7 Country of destination Pays de destination
8 Place and date of shipment-Means of transport Lieu et date d'embarquement-Moyen de transport	9 Supplementary details Données supplémentaires	

10 Marks and numbers-Number and kind of packages-DESCRIPTION OF GOODS Marques et numéros-Nombre et nature des colis-DÉSIGNATION DES MARCHANDISES	11 Quantity (1) Quantité (1)	12 FOB Value (2) Valeur FOB (2)
ORIGINAL FOR APPLYING IMPORT LICENCE ONLY		

This certificate shall be invalidated in case of any erasion, strikeover and alteration.

13 CERTIFICATION BY THE COMPETENT AUTHORITY-VISA DE L'AUTORITÉ COMPÉTENTE

I, the undersigned, certify that the goods described above originated in the country shown in box No 6, in accordance with the provisions in force in the European Community.

Je soussigné certifie que les marchandises désignées ci-dessus sont originaires du pays figurant dans la case No 6, conformément aux dispositions en vigueur dans la Communauté Européenne.

14 Competent authority (name, full address, country) Autorité compétente (nom, adresse complète, pays)	At-A ..... on-le .....
TAIWAN TEXTILE FEDERATION TTF BUILDING 22, AI KUO EAST ROAD TAIPEI, TAIWAN TELEFAX:(02)2392-3855 TELEPHONE:(02)2341-7251 URL:http://www.textiles.org.tw	(Signature) (Stamp-Cachet)

(1)Gross net weight (kg) and also quantity in the unit prescribed for category where other than net weight: Indiquer le poids net (kg) ainsi que la quantité dans l'unité prévue pour la catégorie si cette unité n'est pas le poids net
(2)In the currency of the sale contract Dans la monnaie du contrat de vente

第一聯　本證書供進口商申請進口許可證

▼M32

———————

▼M15

Kampjun tal-liċenza ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 (1) ta' l-Anness III

1 Exporter (name, full address, country) Exportateur (nom, adresse complète, pays)	**ORIGINAL**	2 **No**
	3 Quota year Année contingentaire	4 Category number Numéro de catégorie
5 Consignee (name, full address, country) Destinataire (nom, adresse complète, pays)	**EXPORT LICENCE** **(Textile products)** ——————— **LICENCE D'EXPORTATION** **(Produits textiles)**	
	6 Country of origin Pays d'origine	7 Country of destination Pays de destination
8 Place and date of shipment — Means of transport Lieu et date d'embarquement — Moyen du transport	9 Supplementary details Données supplémentaires NON-RESTRAINED TEXTILE CATEGORY CATÉGORIE TEXTILE NON LIMITÉE	

